# IT-TITULAR SPEĊJALI TA' L-EWWEL KOLLEĠĠJATA TA' BIRKIRKARA; U BASSORILIEV GUSTUŻ F'BIRKIRKARA

L-iżjed tliet knejjes kbar importanti fiż-żewġ Gżejjer għeżież tagħna kienu minn dejjem il-Katidral ta' l-Imdina, il-Katidral t'Għawdex u l-Proto-Kolleġġjata fiż-żewġ gżejjer, naturalment apparti l-imsemmi Katidral ta' San Pawl Missierna fl-Imdina, irrid ingħid din ta' Birkirkara.

Oriġinarjament, il-Katidral ta' Malta kien iddedikat lit-Tlugħ fis-Sema tal-Madonna, u jekk reġa' ssema meta nbena mill-ġdid wara li f'Lulju 1090 l-Arab t'hawn kienu ġew imkeċċija, jew għall-inqas imrażżna sewwa, mill-Konti Normann Ruġġieru ta' Altavilla, kuġin tar-re Guljermu I (the "Conqueror") ta' l-Ingilterra (1066-1087). Damet pero' din id-dedikazzjoni sal-1429 meta jingħad li San Pawl deher fuq żiemel jittajjar fuq is-swar ta' l-Imdina, biex jiddefendi l-Belt minn attakk ta' 1,800 Mislem taħt il-kmand tar-Rajjes Qajd Ridwan. L-ewwel titular ta' San Pawl, li għadu jeżisti, huwa kompost minn 11 il-parti: dik centrali, li hija l-ikbar waħda tinsab fil-kappella tal-Kurċifiss fl-istess Katidral ,illum kważi miksija bil-fidda, waqt li l-partijiet l-oħra, ma' kopja ta' dik centrali ta' San Pawl, qiegħdin fil-Mużew ta' dil-Knisja Primarja, miftuħ fl-1969 fil-post fejn qabel kien hemm is-Seminarju ikbar mibni fl-1733 fi żmien l-Arcisqof Fra Pawlu Alferan de Bussan (1728-1757). Dan il-polittiku bi ħdax il-taqsima, magħmul fuq l-injam bil-metodu ta' l-istola antika ta' Sqallija/Spanja fil-bidu tas-seklu tlettax, juri l-ħajja ta' San Pawl, u jikkonsisti, barra mit-taqsima kbira ċentrali msemmija fejn l-Appostlu jidher fuq tron b'xabla f'idu l-lemenija u bi ktieb tal-14 il-ittra famużi tiegħu f'idu l-oħra, f'dawn ir-rappreżentazzjonijiet dwaru: il-Konversjoni, il-Magħmudija, Quddiem Festu, il-Waslа u l-Għarqa f'Malta (dittiku), it-Tefgħa tal-lifgħa fin-nar, Ifejjaq lill-Missier Publiju, il-Porpos tal-Gżira, Jirxoxta lil Eqtikju fi Troja, il-Qtugħ ir-ras u d-Difna tiegħu (dittiku), waqt li taħt hemm trittiku (fi tlett biċċiet) li juri lil San Pietru, Sant'Agata u Santa Katerina ta' Lixandra kollha fuq it-tron tagħhom, u fuq nett hemm il-Madonna bil-Bambin fuq it-tron tagħha u mdawra mill-anġli. Minn qabel ma l-Katidral reġa' nbena (21.5.1697 — 1702) mill arkitett Wenzu Gafà mill-Birgu (4.8.1639 — 1704), wara li kien tfarrak bit-terremot tal-biża' tal-11 ta' Jannar 1693, dat-titular, kien diġa' ġie mibdul minn dak preżenti li juri l-Konversjoni ta' San Pawl, u mpitter mill-famuż Mattia Preti (24.2.1613 — 13.1.1699).

It-titular ta' qabel tal-Katidral t'Għawdex kien jikkonsisti f'sebgħa partijiet u nħadem qabel żmien ta' Rafel Sanzio (1483-1520) bil-proċess "a tempera" jiġifieri direttament fuq il-ġibs fuq bażi ta' njam. Il-partijiet jirrappreżentaw: il-Madonna fuq is-sħab imdawra b'sitt Kerubini u bi tnax il-persuna aktarx l-Appostli jħarsu lejha waqt li Hija qegħda tagħtihom qisa xi ċintura bħala Konsolazzjoni u Għajnuna għalihom, l-Inkurunazzjoni tagħha mit-Trinita' Mqaddsa, il-Madonna fuq it-tron tagħha bħala r-Reġina tas-Sema, it-Tħabbira tal-Madonna mill-

Arkanġlu Gabriel f-żewġ partijiet, San Pietru u San Pawl (bħala dipendenza mill-Papa u mill-Katedral taż-żewġ Gżejjer). Dan il-polittiku dam iservi ta' titular anki wara l-bini mil-ġdid (21.9.1697 — 14.8.1711) mill-istess arkitett ta' dil-knisja minħabba l-Ħsarat kbar li kienet ġarbet bl-istess terrmot u dam sa meta tpitter dak ta' l-"Assunta" preżenti fl-1791 mill-pittur Għawdxi mix-Xewkija Mikiel Busuttil (1758-1839) li wara sar Professur ta' l-Arti tiegħu fl-Universita' (1800-1838), u li kien iżżewweġ quddiem dal-kwadru fis-19.10.1794 lix-xebba Marija Buhagiar mir-Rabat t'hemm, fi żmien li kien Kanonku-Arcipriet Dun Franġisk Saverju Cassar, S. Th.D., minn Għajnsielem (dak iż-żmien Paroċċa tan-Nadur), 1773-1805, li fl-1798 għamel l-ewwel petizzjoni formali biex pajjiżu jinqata' Djocesi għalih separat minn Malta li magħha kien minn dejjem. Illum dak il-polittiku jinsab fis-sagristija ta' ġewwa ta' dal-knisja Katidrali.

Dwar it-titular tal-Knisja Parrokkjali ġdida ta' Birkirkara, illum magħrufa bħala l-Knisja l-Qadima, li nbniet 1600-1617 mill-arkitetti famużi Fra Victor Cassar mill-Gudja (1530-1607) u tkompliet minn Tumas Dingli minn H'Attard (1591-1666) fi żmien il-Kapillan ferm enerġiku Dun Filippu Borg, S.Th.d., J.U.D (1595 — 1635 — 1644 — 1649) li kien kapaċi sa jġibilha l-unur sabiħ ta' Kolleġġjata fil-5.12.1630, kien ukoll juri t-Tlugħ fis-Sema tal-Madonna. Waqt li nistqarr li ftit hawn ħjiel kif kien dan it-titular, nixtieq ingħildilkom li darba, meta kont naħdem ta' Spettur Sanitarju fi żmien il-gwerra li għaddiet fl-Uffiċju Centrali fil-Belt Valletta, hemmhekk kien hemm impjegat bħala Spettur tal-Pulizija nkarigat mid-Dfin kollu, raġel anzjan li kellu fuq is-sebgħin sena, is-Sur Anton Cauchi, bniedem minn tagħna ħafna, dejjem ferħan, li qabel kien serva ta' Spettur fil-Korp tal-Pulizija. Meta jiena mort Spiżjar tal-Isptar Centrali fil-Furjana, u s-Sur Cauchi kien ġie hemm għall-operazzjoni tal-prostata (difett ta' ħafna mill-irġiel kbar fl-eta'), u jiena ta' ħabib tiegħu kont spiss immur ngħaddi ftit taż-żmien fejnu wara x-xogħol qabel immur id-dar, darba id-diskors waqa' dwar il-pitturi kbar li hemm fis-sala, imdawra taħt is-saqaf tagħha bl-armi gentilizji tal-Kastellani, tal-Head Office jew Dipartiment tas-Sanita'. Is-Sur Cauchi qalli li darba sema' lill-prinċipal ta' qabel, Dr Attilio Critien, O.B.E., M.D., D .P.H., D.T.M. (1917-1936) li kien kapaċi ħafna għall-istorja, igħid li dawk it-pitturi jirrappreżentaw: il-kbira nett minduda u sewdinija lill "Pesta ta' Milan", dik b'kuluri ħajjin lil "Lucija u Patri Kristofru Kapuċċin", dawn it-tnejn mill-famuż rumanz "I Promessi Sposi" ta' Alessandro Manzoni, it-tieni waħda fid-daqs turi lill-Qaddisin tobba Kosma u Damjan, li qabel kienet l-ewwel fis-Sagra Infermerija jew l-Isptar Kbir tal-Kavallieri fil-Belt fejn Sant'Elmu, u wara fis-Sala ta' l-Irġiel, sezzjoni tal-Mediċina, fl-isptar Centrali Furjana, li hija kopja tajba ħafna ta dik magħmula mill-Preti li tinsab fis-sagristija tal-Kon-Katidral ta' San Gwann, li oriġinarjament kienet fis-"Sacra Infermeria" u wara, biex jippreservawha mill-ħafna dħaħen ta' ħruq ta' kubrit eċċ. għamlu dik li għandni kif semmejt flokha; oħra wkoll b'kuluri tajbin bħal u daqs fil-kejl tat-tieni waħda hawn imsemmija turi lil Kristu Rxoxt b'San Tumas jipponta sebgħu fil-kustat tar-Redentur (hemm pittura oħra, pero' tawwalija, b'das-suġġett fl-uffiċċju tal-Kontrollur tad-Dwana) u l-aħħar waħda qalli ( u hawn il-"Busillis" tagħna) (1)

turi lil Santa Marija u jgħidu li kienet fl-ewwel kolleġġjata ta' Birkirkara fl-Imrieħel. Dwar l-oħrajn kien "easy sailing", kif igħidu l-Ingliżi, pero' kemm din ta' l-aħħar hija vera, ma nħossnix kapaċi nesprimi ruħi; jekk mhux għal ħaġa oħra, għax fl-ideja tiegħi dal-kwadru tal-Madonna, ma jidhirx daqstant antik. Inżid pero' malajr li dil-pittura sabieħa hija verusimilissima u li kollox jista' jkun taħt il-kappa tax-xemx. Difatti, igħidu li l-Prepostu-Arċipriet Franġisk Sammut, S. Th. D., minn Birkirkara (1807-1832) kien twerwer fi żmien il-pesta tal-1813, (u min minna ma kienx jitwerwer ukoll?) telaq il-Paroċċa, mar fil-kampanja u ħalla l-kura spiritwali tal-parruċċani f'idejn il-Patri żagħżugħ Kapuċċin Franġisk minn Ħaż-Żabbar, devot kbir tal-Madonna li għad-dell tagħha trabba kemm f'pajjiżu bħala żgħir u kemm fil-kunvent tagħhom f'Għawdex bħala ġuvnott u raġel li tant ma ġralu xejn, bil-għajnuna t'Alla u tal-Madonna tal-Grazzja, li miet fl-1862. Il-beżżiegħi Prepostu Sammut baqa' iferfer għal ħafna snin ukoll. Min jaf, forsi dak il-Patri qaddis, mingħajr l-ebda xkiel ma' saqajh ta' Kanonċi u x'naf jien, u allura rajh f'idejh , ta lil-Gvern dik l-istampa ta' l-"Assunta" mis-sagristija tal-Kolleġġjata preżenti ta' Birkirkara biex din l-OMM ħelwa tagħna tkun it-tarka kontra l-flaġell terribbli lit-tobba u servjenti ta' l-isptar, u speranza f'ħajja isbaħ fil-Ġenna u konsolazzjoni lill-vittmi f'dan l-istat disprat tagħhom.

Nagħlaq din il-parti billi ngħid li darba smajt ukoll li t-titular tal-'Assunta' f'Birkirkara kien ukoll b'sebgħa partijiet, u li barra dik ta' Santa Marija fin-nofs kien hemm: tnejn ftit li xejn kbar Santa Liena (għall-Parrocca oriġinali) fuq il-lemin, u San Pawl (għall-Katidral) fuq ix-xellug; u fuqhom tnejn iżgħar ta' Santa Katerina minn Lixandra u ta' San rokku rispettivament; u fl-aħħar tnejn mindudin ma' ġenb xulxin fuq kollox li juru l-Lunzjata u l-Kurċifiss Imqaddes (bħala l-Bidu u s-Sebħ tas-Salvazzjoni tagħna).

**Mill-Kavallier Joseph Borg, K.M., Ph.C., L.P.**


# Micallef Marble Works

342 Fleur-de-Lys Road, B'Kara

Telephone 442285

SUPPLIERS OF:

**Marble – Granite – Resin**

**10% discount on Perlato and Royal Marble**